# Beati u Qaddisin ...Frar

11 ta' Frar    Tifkira tal-Madonna ta' Lourdes

Tirrakonta Santa Marija Bernardette Soubirous:

Gurnata wahda mort ma' zewgt tfajliet ohra fuq ix-xatt tax-xmara Gave meta f'hin bla mistenni smajt bhal thaxwix. Dort biex nara x'kien izda s-sigar ta' madwari ma kienux qed jiccaqalqu. Harist imbaghad lejn l-ghar u hemm ilmaht sinjura liebsa l-abjad b'terha kahla madwar qaddha. Fuq kull rigel kellha warda safra, ta' l-istess kulur bhal kuruna tar-rusarju li hija kienet qed izzomm f'idejha. Is-Sinjura raddet is-sinjal tas-salib u bdiet izzebbeg il-kuruna tar-ruzarju bla ma tiftah fommha.



Meta jiena waqaft nghid is-Sliema is-sinjura ghebet minn quddiemi. Iz-zewgt ihbieb li kien hemm mieghi qaluli ma ma kienu raw xejn u filwaqt li tgharraftilhom dak li kienu kont ghaddejt minnu ghidtilhom biex ma jghidu xejn. Il-Hadd ta' wara hassejtni migbuda lejn dak il-post..... It-tielet darba li mort hemm is-sinjura qaltli biex jiena nroddilha hmistax il-zjara ohra kuljum.

Ghamilt kif qalti hi u darba minnhom qaltli biex nghid lil qassisin jibnulha kappella f'dak il-post. F'dehra ohra amritli biex jien nixrob minn nixxiegha. Jiena mort fil-Gave, ghax dik l-unika nixxiegha li kont qed nara izda hija wrietni roqgha li minnha

kien qed iqattar l-ilma. Qaltli biex nixrob minnha u ninhasel fiha . Dik in-nixxiegha aktar tard kienet il-farag ta' hafna bnedmin ghax fiha sabu il-fejqan taghhom materjali u anke spiritwali.   Fl-ahhar tad-dehriet hi qaltli li isimha kienet l-Immakulata Koncezzjoni. Talbitni bosta drabi li nitlob ghall-midimbin u naghmel hafna sagrificcji ghall-konverzjoni taghhom. Jekk ma jkun hemm min jitlob ghalihom dawn kollha jintilfu ghal dejjem.  Il-lum flok kappella hemm wieqfa bazilka ddedikata lil Madonna ta' Lourdes. Hafna huma l-insara pellegrini specjalment morda, li jmorru f'dan is-santwarju Marjan biex il-Madonna tkun ta' farag ghalihom.